IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru40 (Erbgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret b'urgenza fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 22ta' Settembru, 2016, fil-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fis-6.05pm

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Progett Europe for Citizens.

   2.1 Il-Kunsill tkellem fuq il-kwotazzjoni tal-akkommodazzjoni. Ircevejna kwotazzjoni waħda biss u kienet dik tac-Cerviola u għalhekk sar qbil unanimu li tintgħażel hi minħabba l-fatt li hija l-aktar vantaġġuża. Din il-kwotazzjoni kienet tittratta fuq akkommodazzjoni fuq bażi ta' Bed and Breakfast għal 72 ruħ għal ħamest iljieli. L-ammont totali tal-akkomodazzjoni huwa ta' €5,950.

   2.2. Il-Kunsill qabel ukoll fuq it-transfers mil-Airport għal lukanda kif ukoll mil-Lukanda għal Airport. Irċevejna 2 stimi, waħda mingħand Colin u oħra mingħand il-Watt. Il-Kunsill qabel tiġi mgħażula dik tal-Watt minħabba li hija l-aktar vantaġġuża.

   2.3. Il-Kunsill tkellem u qabel fuq il-programm u l-attivitajiet li ser isiru tul dan il-Proġett. Programm mehmuż ma' dawn il-Minuti.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

2.4. Il-Kunsill qabel li trasport jintgħażlu 2 stimi waħda ta' Ray Gialanze kif ukoll tal-Paramount. Dan minħabba li għandna bżonn 2 coaches.

2.4. Rigward l-ikel il-Kunsill ġab ukoll prezzijiet tajbin għal grupp kollu u f'postijiet differenti. L-ewwel gurnata il-Grupp ser imur lunch fiz-zoo tad-Disma minajr hlas u filghaxija kull delegazzjoni ser tagħmel platti tipiċi tal-pajjiż tagħhom. Il-Kunsill f'dan il-każ ser ikun qiegħed joħroġ l-ispiża tal-ingredjenti.

2.5 Is-Sindku qal li d-diskussjonijiet ser isiru fi Smart City. U ta' dan nirringrazzjaw lil Sandra Chetcuti l-Event Sales & Marketing Manager talli aċċettat it-talba tagħna.

Nirringrazzjaw ukoll lil Joan Agius mir-Regjun li ser tkun il-kellimha fuq Regional Desparities, lir-rappreżentant tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea f' Malta s-Sur Brian Buhagiar li ser jindirizza l-grupp fuq is-suġġett Active Aging, Lis-Sur Robert Portelli minn Sports Malta li ser ikun qiegħed jitkellem fuq l-isports f'Malta u l-leġislazzjoni tal-UE, lis-Sa. Doris Scicluna mil-Primary Health Care li ser tieħu ħsieb is-sezzjoni tal-health talk u dieting, Lis-Sur David Sammut mil-Ministeru tal-Finanzi li ser ikun qiegħed jitkellem fuq il-Brexit u l-impatti li jista jkollna, lil Għaqda tal-Knisja tax-Xgħajra li ser ikunu qed jgħinuna f'dan il-proġett u li ser nużaw is-sala tal-Knisja, lill-iscouts centre tar-Rinella fejn ser immorru nieħdu lunch u fl-aħħar u mhux l-inqas lill-President ta' Malta s-Sinjura M. Louise Coleiro Preca li ser immorru nżuruha fil-Palazz ta' Sant Anton.

2.6 Is-Sur Valvo ħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha biex kemm jista jkun jipparteċipaw fil-programm kollu u nagħmlu dan il-proġett suċċess.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.48pm

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt